**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 115/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2208/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. ILLI l-partijiet izzewgu f'Malta nhar il-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (15.12.2013), liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tmienja u għoxrin zbarra elfejn u erbatax (28/2014) (Dok. A);

2. ILLI minn dan iz-zwieg twieldet tifla E D nhar it- tnejn u għoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (22.12.2015);

3. ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

    i. ILLI l-partijiet infirdu permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Ruben Collins nhar il-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (15.12.2022) (Dok. B) filwaqt li ilhom de facto separati minn Dicembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021);

    ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum-il ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

    iii. Illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment stante li r-rikorrenti hallset il-manteniment ghall-minuri f'lump sum kkalkulat sa' l-eta ta' tmintax (18)-il sena liema somma thalset fuq il-kuntratt ta' separazzjoni u cioe nhar il-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (15.12.2022) u dan ai termini tal-klawsola numru tlieta u tletin (33) ta' l-istess kuntratt;

4. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavits hawn anness u immarkat bħala 'Dok. C'.

5. ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. TIPPRONUNZJA l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar il-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (15.12.2013);

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2023;

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu fejn hemm indikat li m'għandu l-ebda oġġezzjoni għall-pronunzjament tad-divorzju;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Dicembru 2022 u "*de facto"* separati minn Diċembru 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.